Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1114

28.5.2025

# DEĊIŻJONI (UE) 2025/1114 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-20 ta' Mejju 2025**

**dwar id-delega tas-setgħa li jittieħdu ċerti deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet għal nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi *(BĊE/2025/16)***

Il-BORD eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 19.1 u 34.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (KE) Nru 2157/1999 tat-23 ta' Settembru 1999, dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (9)1 u l-Artikolu 11 tiegħu,

Filwaqt li:

(1) Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 ([3]), fejn istituzzjoni tonqos milli żżomm fl-intier jew parti minnhom ir-riżervi minimi imposti bi qbil ma' dan ir-Regolament u mar-regolamenti jew deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-BĊE jista' jimponi sanzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4), il-BĊE huwa meħtieġ jippubblika deċiżjonijiet li jimponu sanzjonijiet f'każ ta' ksur ta' regolament jew deċiżjoni tal-BĊE fuq is-sit web uffiċjali tiegħu mingħajr dewmien żejjed, ladarba d-deċiżjoni tkun saret finali. Il-pubblikazzjoni hija meħtieġa sakemm il-Bord Eżekuttiv ma jiddeterminax li tali pubblikazzjoni: (a) tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew tas-sistema finanzjarja jew ta' investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja; (b) tikkawżaw, sa fejn ikun jista' jiġi ddeterminat, dannu sproporzjonat lill-impriża kkonċernata; jew (c) tirriżulta fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, li tpoġġi f'riskju l-interessi pubbliċi leġittimi fis-sigurtà, bħas-sigurtà u l-protezzjoni tal-integrità tal-karti tal-flus tal-euro jew il-ġestjoni sigura tar-riskji ċibernetiċi jew operazzjonali għal sistemi ta' pagament sistemikament importanti.

Jekk tapplika waħda jew aktar minn dawn iċ-ċirkostanzi, id-deċiżjonijiet dwar is-sanzjonijiet jiġu ppubblikati fuq bażi anonimizzata jew il-pubblikazzjoni tista' tiġi posposta. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-punt (c), il-BĊE jista' jagħżel li ma jippubblikax deċiżjoni li timponi sanzjoni.

(3) Kif speċifikat fl-Artikolu 11(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4), qabel ma tkun imposta xi sanzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi, il-Bord Eżekuttiv jew, f'ismu, il-bank ċentrali nazzjonali kompetenti għandu jinnotifika lill-impriża interessata dwar l-allegat nuqqas u s-sanzjoni korrispondenti. Kif tirċievi n-notifika, l-impriża interessata għandha l-possibbiltà li tippreżenta kull tagħrif, spjegazzjonijiet jew oġġezzjonijiet miktuba li jistgħu jitqiesu rilevanti għal deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi imposta s-sanzjoni jew le. Dan jinkludi l-possibbiltà li jitqajmu oġġezzjonijiet kontra l-pubblikazzjoni tas-sanzjoni fuq il-bażi li tapplika waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4). F'każ bħal dan, jekk il-bank ċentrali nazzjonali kompetenti jkun qed jaġixxi f'isem il-Bord Eżekuttiv, huwa għandu mingħajr dewmien żejjed jgħaddi l-fajl lill-Bord Eżekuttiv, li mbagħad għandu jiddeċiedi jekk tapplikax tali eċċezzjoni għall-pubblikazzjoni.

(4) Il-Bord Eżekuttiv huwa meħtieġ jadotta għadd sostanzjali ta' deċiżjonijiet kull sena dwar jekk tapplikax eċċezzjoni għall-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet għal nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi. Biex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet hija neċessarja delega tas-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet d-delega bħala neċessarja u xierqa biex tippermetti lil istituzzjoni li tkun meħtieġa tadotta numru konsiderevoli ta' deċiżjonijiet biex twettaq dmirijietha. B'mod simili, hija rrikonoxxiet il-ħtieġa li tiżgura li korpi li jieħdu deċiżjonijiet ikunu kapaċi jiffunzjonaw bħala prinċipju inerenti tas-sistemi istituzzjonali kollha.

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1998/2532/oj.
([2]) ĠU L 264, 12.10.1999, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1999/2157/oj.
([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta' riservi minimi tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1998/2531/oj).

(5) Tali deċiżjonijiet jeħtieġ li jiġu delegati lill-membru tal-Bord Eżekuttiv li lilu jirrapporta d-Direttorat Ġenerali tas-Servizzi Legali, u lill-membru tal-Bord Eżekuttiv li lilu jirrapporta d-Direttorat Ġenerali tal-Operazzjonijiet tas-Suq, filwaqt li jaġixxi b'mod konġunt.

(6) Id-delega tas-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandha tkun limitata u proporzjonata, u l-ambitu tad-delegazzjoni għandu jkun definit b'mod ċar. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-delega stabbilita f'din id-Deċiżjoni għandu jkun limitat għas-setgħa li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet għal nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi li ma jiddevjawx mir-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4), li skontha d-deċiżjonijiet li jimponu sanzjonijiet f'każ ta' ksur ta' regolament jew deċiżjoni tal-BĊE għandhom jiġu ppubblikati. Id-deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet fejn ikun hemm elementi ġodda jew fejn tapplika eċċezzjoni għall-pubblikazzjoni għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-delega u għandhom jibqgħu f'idejn il-Bord Eżekuttiv.

(7) Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-kontroll tal-Bord Eżekuttiv bħala d-delegatur, id-deċiżjonijiet meħuda mill-membri tal-Bord Eżekuttiv li lilhom tingħata d-delega għandhom jiġu rrapportati kull sena lill-Bord Eżekuttiv,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Delega tas-setgħa li jittieħdu ċerti deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet għal nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi**

Il-Bord Eżekuttiv jiddelega lill-membru tal-Bord Eżekuttiv li lilu jirrapporta d-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Legali jirrapporta u lill-membru tal-Bord Eżekuttiv li lilu jirrapporta d-Direttorat Ġenerali għall-Operazzjonijiet tas-Suq, is-setgħa li b'mod konġunt jieħu, f'konformità mal-Artikolu 2, ċerti deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet għal nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi imposti skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2531/98.

*Artikolu 2*

**Kriterji għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet delegati**

Id-deċiżjonijiet biex jiġu ppubblikati sanzjonijiet għal nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi għandhom jiġu adottati skont id-delega tas-setgħat stabbilita fl-Artikolu 1 meta jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) l-impriża interessata tkun oġġezzjonat għall-pubblikazzjoni ta' sanzjoni għan-nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi, iżda mhux għas-sanzjoni nnifisha;

(b) l-oġġezzjonijiet għall-pubblikazzjoni mqajma mill-impriża interessata u l-valutazzjoni teknika u legali tal-BĊE ta' dawn l-oġġezzjonijiet huma simili għal dawk li huma l-bażi ta' deċiżjonijiet preċedenti dwar il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet għal nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi li ttieħdu mill-Bord Eżekuttiv;

(c) il-valutazzjoni teknika u legali msemmija fil-punt (b) li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni hija li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4) ma tapplika u li s-sanzjoni għandha tiġi ppubblikata;

(d) il-bank ċentrali nazzjonali kompetenti li, filwaqt li jaġixxi f'isem il-Bord Eżekuttiv, ikun innotifika lill-impriża interessata dwar l-allegat nuqqas ta' żamma ta' riżervi minimi u tas-sanzjoni korrispondenti, jaqbel mal-valutazzjoni msemmija fil-punt (c).

*Artikolu 3*

**Obbligu ta' rapportar**

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv li lilhom id-Direttorat Ġenerali tas-Servizzi Legali u d-Direttorat Ġenerali għall-Operazzjonijiet tas-Suq għandhom jirrapportaw b'mod konġunt lill-Bord Eżekuttiv fuq bażi annwali dwar kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 1 matul is-sena kalendarja preċedenti.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għaxar jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-20 ta' Mejju 2025.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE